PR220734

**03/06/2022**

# AVVIŻ MAĦRUĠ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, fi ħdan is-Sovrintendenza għas-Saħħa Pubblika javża li sakemm joħroġ avviż ieħor mhux rakkomandat li jsir għawm minħabba żbroff tad-drenaġġ **bejn C30 Concrete patch fit-tmiem tal-mogħdija bejn Suncrest u Qawra Palace Hotel (quddiem Triq ir-Rizzi) u C31 Quay Cens tal-Gebel quddiem id-dar imsemmija Summer place.** Tabelli li jindikaw dan l-għeluq ġew imwaħħla fiż-żona kif indikat fil-mappa annessa. Bħala prekawzjoni u sakemm jitneħħa l-inkonvenjent mhux rakkomandat li jsir għawm f'din iż-żona. L-investigazzjonijiet mill-uffiċjali tal-istess direttorat rigward din il-problema għadhom għaddejjin.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mis-7:30 ta' filgħodu sat-3:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt, wrau.ehd@gov.mt u complaints.ehd@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija, Santa Venera.

Il-pubbliku jista ukoll iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Health-Inspectorate/WRAU/Pages/Bathing-Water-Press-Releases.aspx** għal informazzjoni simili.

*Mappa:* **pr220734a.pdf**